

# Il-Ġurnal Ufficijali L 363 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 63

3 ta' Novembru 2020

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### DEĊIŻJONIJIET

- |   |   |
|---|---|
| ★ Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1605 tat-30 ta' Ottubru 2020 li ġġib fit-tmiem ir-rieżami interim parżjali tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji applikabbi għal importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li jorġinaw mill-Indja ..... | 1 |
| ★ Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1606 tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar ċertu miżuri protettivi interim marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fin-Netherlands (notifikata bid-dokument C(2020) 7633) (¹) .....                    | 9 |

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

**DEĊIJONIJIET****DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1605****tat-30 ta' Ottubru 2020**

**li ġġib fit-tmiem ir-rieżami interim parpjali tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji applikabbi għal importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li jorġinaw mill-Indja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (¹) ("ir-Regolament anti-dumping bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumex membri tal-Unjoni Ewropea (²) ("ir-Regolament antisussidji bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 19 tiegħi,

Billi:

**A. PROĊEDURA****1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri anti-dumping eżistenti**

- (1) Il-miżuri anti-dumping u antisussidji kienu fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit ("elettrodi tal-grafit") li jorġinaw mill-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat") mill-2004. Il-miżuri ġew estiżi fl-2010 u fl-2017. Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dazju anti-dumping definitiv u dazji kumpensatorji impost mir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/422 (³), u bir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2017/421 (⁴).
- (2) Il-livell attwali tad-dazji għaż-żewġ produtturi Indjani huwa ta' 7 % għal Hindustan Electro Graphite (HEG) Limited ("HEG") u 15.7 % għal Graphite India Limited ("GIL") u l-kumpaniji l-oħra kollha. HEG hija soġġetta għal dazju kumpensatorju ta' 7 % u dazju anti-dumping ta' 0 %.

**2. Talba għal rieżami interim parpjali limitat għad-dannu**

- (3) It-talba għal rieżami tressqet minn HEG ("l-applikant"), produttur esportatur mill-Indja. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami kien limitat għall-eżami tad-dannu.

(¹) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(²) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

(³) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/422 tad-9 ta' Marzu 2017 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tal-grafit li jorġinaw mill-Indja wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 46).

(⁴) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/421 tad-9 ta' Marzu 2017 li jimponi dazju kompensatorju definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li jorġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 10).

- (4) Fit-talba għal rieżami, l-applikant semma żewġ kwistjonijiet ewlenin: bidliet fil-kompożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, u nuqqas globali ta' elettrodi tal-grafit li jikkawżaw żieda kbira fil-prezzijiet globali tal-elettrodi tal-grafit u konsegwentement ukoll fil-profitabbiltà tal-produtturi tiegħu, inklużi dawk fl-Unjoni. L-applikant allega li l-produtturi tal-Unjoni gawdew minn marġni ta' profit sinifikanti u ma kinux għadhom f'sitwazzjoni vulnerabbi. L-applikant jallega li l-impożizzjoni kontinwa tal-miżuri, li kienet ibbażata fuq il-livell ta' dannu stabbilit qabel, tidher li ma għadhiex meħtieġa biex tpatti għall-effetti tad-dumping u s-sussidju dannu kif stabbilit qabel.

### **3. Bidu ta' rieżami interim parzjali limitat għad-dannu**

- (5) Wara li infurmat lill-Istati Membri u wara li ddeterminat li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-ftuħ ta' rieżami interim parzjali limitat għall-eżami tad-dannu il-Kummissjoni ħabbret il-bidu għal rieżami interim parzjali f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament anti-dumping bażiku u mal-Artikolu 19 tar-Regolament antisussidji bażiku fit-2 ta' Marzu 2020. Dan sar permezz ta' avviż ippubblikat *l-Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (<sup>(5)</sup>) ("in-Notifika ta' Bidu").
- (6) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-applikant, lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur, lill-produtturi esportaturi magħrufa l-oħra u lil importaturi mhux relatati, lill-industrija tal-Unjoni u lill-utenti magħrufa tal-prodott taħt rieżami tal-bidu tal-investigazzjoni ta' rieżami interim parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u jinstemgħu.

### **4. Investigazzjoni**

- (7) Sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ħejjiet il-kwestjonarji lill-produtturi esportaturi, lill-produtturi tal-Unjoni u lill-importaturi tal-Unjoni.
- (8) Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jippreżentaw fehmiethom, iressqu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Bosta utenti tal-Unjoni tal-elettrodi tal-grafit, b'mod partikolari l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar (EUROFER), ippreżentaw informazzjoni.

#### **4.1. Kampjunar u kwestjonarji**

##### **4.1.1. Produtturi esportaturi**

- (9) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi esportaturi magħrufa fl-Indja. Minħabba n-numru żgħir ta' produtturi esportaturi, l-għażla ta' kampjun ma kinitx meħtieġa f'dan il-każ. HEG ippreżentat risposta għall-kwestjonarju.

##### **4.1.2. Produtturi tal-Unjoni**

- (10) Fil-dawl tal-ġhadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni kkonċernati, u sabiex tlesti l-investigazzjoni sal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita l-produtturi tal-Unjoni li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku antisussidji.
- (11) Wara li nbeda l-każ, intgħażek kampjun tal-produtturi tal-Unjoni li jammonta għal aktar minn 80 % tal-volumi tal-produzzjoni totali stmati tal-prodott fl-Unjoni, u ma ġew riċevuti l-ebda kumenti dwar dan il-kampjun. Il-kumpaniji magħżula fil-kampjun kienu GrafTech France S.N.C., GrafTech Iberica S.L., Showa Denko Carbon Spain S.A. u Tokai Erftcarbon GmbH.

##### **4.1.3. Importaturi mhux relatati**

- (12) L-ebda importatur tal-Unjoni ma ppreżenta ruħu f'dan il-każ.

#### **4.2. Sedut**

- (13) Fis-17 ta' Lulju 2020 saret seduta ta' smiġħ ma' tliet kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji tal-industrija tal-Unjoni u r-rappreżentanti legali tagħhom.

<sup>(5)</sup> Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li joriġinaw mill-Indja (ĠU C 67 2.3.2020, p. 11).

## 5. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

- (14) Il-perjodu għall-investigazzjoni tad-dannu kien mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 ("il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami"). Il-perjodu għall-eżaminazzjoni tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kien mill-1 ta' Jannar 2016 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

### B. IL-PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U L-PRODOTT SIMILI

#### 1. Prodott soġġett għal rieżami

- (15) Il-prodott soġġett għal rieżami huwa elettrodi tal-grafit tat-tip użat għal fran tal-elektiku, b'densità apparenti ta' 1,65 g/cm<sup>3</sup> jew aktar u b'reżistenza elettrika ta' 6,0 µΩ.m jew inqas, u bżieżel użati għal dawn l-elettrodi, kemm jekk impurtati flimkien kif ukoll jekk b'mod separat li jorġinaw mill-Indja ("elettrodi tal-grafit" jew "il-prodott soġġett għal rieżamit"), li bħalissa jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM ex 8545 11 00 (kodiċi TARIC 8545 11 00 10) u ex 8545 90 90 (kodiċi TARIC 8545 90 90 10).
- (16) L-elettrodi tal-grafit jintużaw għall-produzzjoni tal-azzar. Dawn jintużaw l-aktar bħala materjal ta' input fil-fran b'ark elettriku (EAF) biex jiproduċu l-azzar mir-ruttam tal-azzar.
- (17) Il-materja prima ewlenija użata għall-produzzjoni tal-elettrodi tal-grafit hija l-kokk tal-labar. Il-kokk tal-labar jintuża wkoll fl-industrija tal-batteriji tal-jon tal-litju.

#### 2. Prodott simili

- (18) Il-prodott soġġett għal rieżami u l-prodott immanifatturat u mibjugħi mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi.
- (19) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-prodotti huma meqjusa bħala prodotti li jixxiebhu fil-kuntest tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku anti-dumping u l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku antisussidji.

### C. IN-NATURA PERMANENTI TAĊ-ĊIRKUSTANZI MIBDULA

- (20) Skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 19 tar-Regolament antisussidji bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iċ-ċirkustanzi li abbażi tagħhom ġew stabbiliti l-miżuri attwali nbidlux b'mod sinifikanti, u jekk tali bidla kinitx ta' natura dejjiema.
- (21) Fit-talba għal rieżami tagħha, l-applikant argumenta li kienu seħħew żewġ bidliet kbar ta' natura dejjiema sa mirrieżami ta' skadenza preċedenti tal-miżuri fuq l-elettrodi tal-grafit u li għalhekk il-miżuri kien jistħoqqilhom rivalutazzjoni tas-sejbiet dwar id-dannu. L-ewwel nett, l-applikant qajjem bidliet fil-kompożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari l-bejgħ tan-negożju tal-elettrodi tal-grafit (Ewropew) kollha tal-grupp ta' SGL għal Showa Denko u Tokai (Għappuniżi). It-tieni nett, l-applikant allega li l-"bidla fundamentali u dewwiema tal-industrija tal-azzar mill-produzzjoni ta' kalkara tal-funderija għall-produzzjoni ta' fran b'ark elettriku wasslet għal bidla fid-domanda globali għall-elettrodi tal-grafit u għal nuqqas dinji fil-provvista ta' elettrodu tal-grafit", u kkawżat ukoll żieda sostanzjali u fit-tul fil-prezzijiet tal-elettrodi tal-grafit.

#### 1. L-allegazzjoni rigward il-bidliet fil-kompożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (22) Rigward il-bidla fil-kompożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-applikant iddikjara li x-xiri minn Showa Denko tan-negożju tal-elettrodi tal-grafit Ewropew ta' SGL u x-xiri minn Tokai tan-negożju tal-elettrodi tal-grafit Amerikan ta' SGL irriżulta f'idliet fis-sjeda u fl-istruttura korporattiva fi tnejn mit-tliet produtturi ewlenin tal-Unjoni, li taw mandat għal valutazzjoni mill-ġdid ta' dannu. L-applikant sostna wkoll li ż-żewġ tranżazzjonijiet irriżultaw f-konsolidazzjoni maġġuri tal-UE u tal-fornituri globali tal-elettrodi tal-grafit, li min-naħħa tagħhom irriżultaw finqas produtturi tal-elettrodi tal-grafit (barra miċ-Ċina) u għalhekk inqas kompetizzjoni kemm fis-suq tal-Unjoni kif ukoll fis-swieq globali. Ir-riżultat kien sostnut bi prezzijiet oħla għall-prodott fis-swieq kollha.
- (23) Showa Denko sostniet li, qabel l-akkwist tan-negożju Ewropew tal-elettrodi tal-grafit ta' SGL, dawn ma kinux qed jiproduċu elettrodi tal-grafit fl-Unjoni. Bħala tali, it-tranżazzjoni kienet tirrappreżenta sempliċi trasferiment ta' sjeda minn grupp għal ieħor mingħajr ebda impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni, l-istrateġija kummerċjali jew l-istruttura tas-suq tal-Unjoni.

- (24) L-utenti tal-Unjoni rrappreżentati mill-EUROFER enfasizzaw li n-numru ta' produkturi li jaqdu d-domanda globali għall-elettrodi tal-grafit issa huwa inqas minn għaxra, u b'hekk appoġġaw l-argument tal-applikant.
- (25) Il-Kummissjoni nnotat li Showa Denko ma kellha qabel ebda negozju tal-elettrodi fl-Unjoni. Qabel l-akkwist, u qabel il-perijodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, SGL kienet ipproċediet għall-għeluq tal-kapaċċità fl-Unjoni. Wara l-akkwist tan-negozju tal-elettrodi tal-grafit Ewropew ta' SGL minn Showa Denko, filwaqt li Showa Denko għamlet xi tnaqqis fil-produzzjoni u l-bejgħ (6) fkonformità mal-iżviluppi tas-suq, ma kienx hemm żviluppi sinifikanti li jaffettwaw il-produzzjoni tal-prodott simili fl-Unjoni fil-perjodu kkonċernat. Għalhekk, it-teħid f'idejn Showa Denko tan-negozju tal-elettrodu tal-grafit Ewropew ta' SGL ma jistax jiġi assimilat ma' konsolidazzjoni kummerċjali fis-suq tal-Unjoni ta' natura dejjiema. Pjuttost, id-data rilevanti wriet li peress li l-akkwist fl-2017 Showa Denko globalment kompliet l-aktivitajiet tal-predeċċessur tagħha fl-Unjoni. Valutazzjoni mill-ġdid tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni fuq il-bażi tal-konsolidazzjoni tal-industrija, ma kinitx, għalhekk, mistħoqqa, peress li l-bidla fis-sjieda ta' produktur tal-Unjoni ma biddlitx l-istruttura tas-suq tal-Unjoni b'mod sinifikanti. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' kompetizzjoni mnaqqsa li tirriżulta minn inqas fornituri globali li jwasslu għal prezzijssej ogħla sostnati ta' elettrodi tal-grafit, il-Kummissjoni sabet li, minflok ma baqgħu f'livelli ogħla sostnati, il-prezzjiet globali tal-elettrodi tal-grafit komplew jonqsu (kif muri fil-Premessa (30)) u għalhekk ukoll ma kinitx tikkostitwixxi bidla sostnuta li teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid tad-dannu.

## 2. Allegazzjoni dwar bidla fis-swieq globali u żieda fil-prezzjiet


- (26) Rigward il-bidla fil-provvista u d-domanda globali, u ż-żieda sostanzjali u fit-tul fil-prezzjiet tal-elettrodi tal-grafit, l-applikant argumenta li ż-żieda sinifikanti fil-prezz globali tal-elettrodi tal-grafit, li seħħet fl-2017 u l-2018 kienet indikattiva ta' żieda fid-domanda globali u ta' provvista li ma tistax tħalliha mad-domanda. Ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fid-domanda ġiet iċċitata biex tkun il-bidla globali mill-fran tal-blast għall-fran b'ark elettriku, li jużaw elettrodi tal-grafit, fl-industrija tal-azzar. Ir-raġuni ewlenija għal dewmien fil-provvista globali kienet ikkwtwata bħala għeluq b'mandat mill-gvern ta' produkturi ta' elettrodi tal-grafit Ċiniżi għal titjib ambjentali. Dan l-għeluq ħabat ma' żieda fid-domanda domestika għall-elettrodi tal-grafit mill-produtturi tal-azzar Ċiniżi u kompetizzjoni ġiddiha għall-kokk tal-labar (il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tal-elettrodi tal-grafit) mill-industrija tal-batteriji tal-jon tal-litju.
- (27) Barra minn hekk, l-applikant sostna wkoll li, minkejja s-sitwazzjoni attwali ta' riekwilibrija temporanju tal-provvista u d-domanda tal-elettrodi tal-grafit, in-nuqqas fil-provvista globali se jerġa' jiżdied u se jwassal għal żieda ulterjuri fil-prezzjiet fil-futur. Skont l-applikant, għalkemm il-produzzjoni Ċiniżha tal-elettrodi tal-grafit bħalissa hija oħġla mid-domanda domestika Ċiniżha, dik id-domanda għall-elettrodi tal-grafit se tiżdied drastikament ladarba l-impjanti l-ġoddha kollha tal-produzzjoni tal-forn b'ark elettriku previsti mill-aġġornament ambientali varat fl-2017 jinbwew u jaħdmu b'veloċità sħiħa. L-applikant stenna li l-produzzjoni tal-azzar tal-kalkara b'ark elettriku globalment (u fiċ-Ċina b'mod partikolari) tikber b'rata aktar mgħażgħla miż-żieda fil-kapaċċitajiet tal-produzzjoni globali tal-elettrodi tal-grafit, li jwassal għal nuqqas globali fil-provvista u għal aktar żidiet fil-prezzjiet. Barra minn hekk, l-applikant sostna li l-prezzjiet globali tal-2020 tal-elettrodi tal-grafit ma jistgħux jitqiesse rapporti tħalliha minn Eurofer, iddi kienet tnaqqset drastikament fl-2017 bħala riżultat ta' miżuri tal-gvern ċentrali mmiriat għat-trażżeen tat-tnejjeb. L-għadd ta' siti ta' produzzjoni ta' kokk tal-labar baqa' estremament limitat mad-dinja kollha. EUROFER iddikjarat li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni hija esposta ħafna għall-volatilità tal-prezzjiet ta' materjali ta' input bħall-elettrodi tal-grafit.
- (28) B'appoġġ għall-elementi pprovvduti mill-applikant, l-utenti rappreżentati minn Eurofer indikaw li l-prezzjiet ta' wara l-2017 baqgħu dejjem ogħla mill-perjodu ta' qabel l-2017 kemm fis-suq spot kif ukoll fuq bażi kuntrattwali, u li d-domanda għall-prodotti tal-grafit kienet mistennija li tikber b'mod kontinwu fid-deċċennji li jmiss, hekk kif iż-żidiet fil-produzzjoni tal-fran bl-ark elettriċi. Barra minn hekk, Eurofer enfasizzat li l-kapaċċità tal-produtturi Ċiniżha kienet tnaqqset drastikament fl-2017 bħala riżultat ta' miżuri tal-gvern ċentrali mmiriat għat-trażżeen tat-tnejjeb. L-għadd ta' siti ta' produzzjoni ta' kokk tal-labar baqa' estremamente limitat mad-dinja kollha. EUROFER iddikjarat li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni hija esposta ħafna għall-volatilità tal-prezzjiet ta' materjali ta' input bħall-elettrodi tal-grafit.

(6) Ara pereżempju, l-istqarrrijiet pubbliċi tal-istampa ta' Showa Denko dwar ir-riżultati finanzjarji (<https://www.sdk.co.jp/english/ir/library/results.html>) ta' Awwissu 2019 'naqqasna l-previżjoni tagħna għall-figura tal-bejgħ ta' GEs f'din is-sena b' 15 %. Aħna se mnaqqsu l-produzzjoni tagħna tal-GE principally fl-Ēwropa minħabba t-naqqis fir-ritmu ekonomiku fdak il-qasam', ta' Novembru 2019 'Meta mqaqqba ma' Awwissu, il-produzzjoni tal-azzar waqqgħet aktar fl-Ēwropa minħabba t-naqqis fir-ritmu ekonomiku. Għalhekk, żidna r-rata ta' produzzjoni maqtugħha għal madwar 30 %, u ta' Frar 2020 b'referenza għall-għeluq ippjanat tal-impjant tal-pinniżjet fil-Ġermanja. Din l-aħħar stqarrja għall-istampa tirreferi wkoll għas-sitwazzjoni eċċeżżjonali fl-2017-2018, għal ritorn mistenni għal kundizzjonijiet stabbli li jmorru l-quddiem, u ssemmi "l-elettrodi Indjani li qed jiċċirkolaw fis-suq Ewropew".

- (29) Ir-rappreżentant legali konġunt ta' tliet kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji tal-industrija tal-Unjoni ssottometta li ż-żieda sinifikanti fid-domanda u dewmien parallel fil-provvista tal-elettrodi tal-grafit fl-2017–2018 kienet sitwazzjoni eċċeżżjonali li rriżultat minn żiblanč temporanju fil-provvista u d-domanda. Dan l-iżbilanċ kien ikkawżat mill-konverġenza fiż-żmien ta' diversi fatturi: a) l-irkupru tal-ekonomija globali u ż-żieda korrispondenti fid-domanda għall-azzar prodott b'mod aktar konxju dwar l-ambjent (permezz ta' fran b'ark elettriku, li kienu jeħtieġu elettrodi tal-grafit għall-produzzjoni), inkluż fiċ-Ċina; (b) l-għeluq temporanju ta' produzzjoni ta' elettrodi tal-grafit Ċiniżi għal titbib ambjentali mandat mill-gvern; u c) żieda fil-kompetizzjoni għal kokk tal-labar (materja prima kritika fil-produzzjoni ta' elettrodi tal-grafit) mill-industrija tal-batteriji tal-jon tal-litju. L-iżbilanċ temporanju ntemm fl-2019, li bih ħafna proddutti tal-elettrodi tal-grafit Ċiniżi reġgħu bdew il-produzzjoni b'kapaċitajiet miżjuda u żiedu l-esportazzjonijiet dinjja tal-elettrodi tal-grafit. Il-prezzijiet immedjati naqsu drastikament matul l-2019.
- (30) Il-Kummissjoni bdiet mill-premessa li bidla fil-provvista u d-domanda globali tista' tiġi kkwalifikata bħala bidla sinifikanti ta' natura dejjiema skont l-Artikoli 11 (3) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 19 tar-Regolament antisussidji bażiku jekk il-prezzijiet għall-elettrodi tal-grafit huma b'mod kostanti u oħla mil-livelli stabbiliti preċedentement. F'dan il-każ, kien hemm żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjoni lejn l-Unjoni għall-elettrodi tal-grafit 2017–2018. Madankollu, il-prezzijiet tal-importazzjoni fl-Unjoni bdew jonqsu b'mod sinifikanti matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami (2019). Sal-2020, il-prezzijiet tal-importazzjoni lejn l-Unjoni kienu saħansitra reġgħu lura għal livelli simili għal dawk li l-industrija tal-Unjoni kienet rat tul-numru ta' snin qabel l-2017. It-tabella 1 ta' hawn taħt tiġib fil-qosor l-evoluzzjoni tal-prezzijiet fuq il-bażi tad-data mill-istatistika tal-importazzjoni miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 24(6) tar-Regolament antisussidji bażiku (“il-bażi ta' data 14(6)”).

Tabella 1

**L-evoluzzjoni tal-prezzijiet medji tal-importazzjoni ta' sistemi ta' elettrodi tal-grafit fl-Unjoni  
(EUR/kg)**



Sors: il-bażi ta' data msemmija fl-Artikolu 14(6)

- (31) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li ċ-Ċina kompliet tesporta l-elettrodi tal-grafit globalment. Għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina lejn l-Unjoni żiddu fl-2017 u l-2018 fkonformità max-xejra globali, dawn naqsu wkoll fl-2019 u komplew jonqsu fil-bidu tal-2020 fkonformità max-xejra globali. Bl-istess mod, matul l-2019, il-prezz tal-kokk tal-labba kien fuq xejra 1 ifsel.
- (32) Il-Kummissjoni sabet li ż-żieda fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-elettrodi tal-grafit fl-Unjoni kienet biss temporanja. Għalhekk, l-iżvilupp tal-prezzijiet ma kkonfermax it-talba tal-applikant li kien hemm bidla strutturali stabbilita fil-provvista u d-domanda globali tal-prodott li qed jiġi rieżaminat. L-iżvilupp tal-prezzijiet jindika bilanċ mill-ġdid tal-provvista u d-domanda wara sitwazzjoni temporanja ta' żiblanč. Dan l-ibbilanċjar

globali mill-ġdid tal-provvista u d-domanda huwa kkonfermat minn rapporti pubbliċi ta' produtturi tal-elettrodi tal-grafit inklużi l-produtturi applikanti<sup>(7)</sup> u tal-Unjoni<sup>(8)</sup>. Fir-rigward tal-aspettattiva li d-domanda għall-elettrodi tal-grafit se tergħa' tiżdied u tisboq il-provvista fil-futur, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tispeku dwar il-preċiżjoni jew il-potenzjal tagħha li tbiddel is-swieq globali għall-elettrodi tal-grafit b'mod dejjiem, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tevolvi li tirriżulta mill-COVID-19. Fin-nuqqas ta' xi tibdin fit-tul fis-swieq globali għall-elettrodi tal-grafit, il-Kummissjoni kkonkludiet li rivalutazzjoni tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx legalment ġustifikata.

#### D. DIVULGAZZJONI

- (33) Il-partijiet interessati ġew infurmati dwar il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien hemm l-intenzzjoni li tintemm din l-investigazzjoni u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Instemgħu l-partijiet interessati kollha li wrew din ix-xewqa.
- (34) Immedjatament qabel l-iżvelar, l-applikant issottometta aktar kummenti dwar il-bidliet fil-kompożizzjoni tal-industrija tal-UE u d-domanda globali għall-elettrodi tal-grafit. Dawn il-kummenti ma setgħux jitqiesu fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali minħabba l-istadju tard tal-wasla tagħhom, iżda issa ġew riflessi fil-premessi ta' hawn fuq. Barra minn hekk, l-applikant tenna dawn il-kummenti fil-kontribuzzjoni formali tagħhom wara d-divulgazzjoni (indirizzata hawn taħħt).
- (35) Waslu kummenti dwar l-iżvelar mill-Gvern tal-Indja, l-applikant u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Karbonju u l-Grafit (ECGA) li tirrapreżenta l-industrija tal-Unjoni.
- (36) Il-Gvern tal-Indja ddikjara li ma kienx biżżejjed għall-Kummissjoni li tiffoxa fuq il-bidliet fiċ-ċirkostanzi tal-industrija tal-elettrodi tal-grafit fl-Ewropa. Huma talbu li l-Kummissjoni twettaq analiżi sħiħa tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni bbażata fuq il-parametri kollha inkorporati fil-Ptehim tad-WTO dwar l-anti-dumping.
- (37) Kif iddikjarat fil-premessa (31) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li valutazzjoni mill-ġdid tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx legalment ġġustifikata minħabba li ma nstabet l-ebda bidla dejjiema fis-swieq globali għall-elettrodi tal-grafit. Mingħajr bidla dejjiema bħal din fiċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom kienu ġew imposti/estiżi l-miżuri eżistenti, it-talba tal-applikant għal rieżami interim parżjali tad-dannu kienet bla bażi. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni u t-talba tal-Gvern tal-Indja.
- (38) L-applikant elabora fuq id-dikjarazzjoni tiegħu li l-bejgħ ta' parteċipazzjonijiet ta' SGL lil Showa Denko fl-UE u Tokai fl-Istati Uniti rriżulta f'konsolidazzjoni ewlenja tal-fornituri tal-elettrodi tal-grafit tal-UE u globali. L-applikant sostna li l-konsolidazzjoni marret lil hinn mill-produtturi tal-Unjoni proprjetà ta' Showa Denko. Din il-konsolidazzjoni, sostna l-applikant, wasslet għal inqas produtturi globali u inqas kompetizzjoni kemm fis-swieq tal-Unjoni kif ukoll f'dawk globali, li tinfluwenza l-prezzijiet tal-elettrodi tal-grafit u l-profittabbiltà ta' produtturi oħra u għalhekk tikkostitwixxi bidla strutturali fis-suq tal-elettrodi tal-grafit. Waħda mill-konsegwenzi ta' din il-konsolidazzjoni, argumentat mill-applikant, kienet l-ghajjbien qrib tal-importazzjoni ġappuniżi mis-suq tal-UE.
- (39) L-applikant tenna wkoll id-dikjarazzjoni preċedenti tiegħu li bidla dinjija lejn il-produzzjoni tal-azzar tal-kalkara b'ark elettriku matul l-aħħar diversi snin kienet tikkostitwixxi bidla strutturali fis-suq minħabba li rriżultat fżieda strutturali fid-domanda tal-elettrodi tal-grafit. Is-sejba kuntrarja tal-Kummissjoni, l-applikant argumenta,

(7) Ara pereżempju r-rapport pubbliku ta' HEG ta' Frar 2020 (<https://hegtld.com/results-presentation/>) li jindika li 'il-prezzijiet tal-elettrodi ġew ikkoreġuti f'dawn l-aħħar trimestri' bħala 'Mis-sena li għaddiet, il-prezzijiet tal-elettrodi ġew immaqqa b'mod sekwenzjali wara kwart ta' tliet xħur biex jirriflett l-kundizzjonijiet tas-suq Peress li l-klient xtara żżejjed fl-2018 u fl-ewwel nofs tal-2019, ix-xiri ġdid niżel għal livelli ta' tħaddim aktar normali' u 'persuni globalment, inklużi aħna aġġustajna l-livelli ta' produzzjoni tagħna biex jirriflettu d-domanda tas-suq'.

(8) Ara pereżempju r-rapport annwali tal-2019 GrafTech (<https://www.graftech.com/investors/default.aspx#events>) 'Ipprezzar storikament kien ċikliku, li jirriflett x-xejrier tad-domanda tal-industrija globali tal-azzar bl-EAF u l-provvista tal-elettrodu tal-grafit. [...] . Wara r-razzjonalizzazzjoni sinifikanti tal-produzzjoni ta' elettrodi tal-grafit globalment, it-tnejjixi fil-prezzijiet tal-produzzjoni tal-azzar EAF, tnejjixi fil-prezzijiet tal-iskrapp, tnejjixi fl-esportazzjoni tal-azzar Ċiniżi, u provvista ristretta ta' kokk tal-labar, prezzijiet spot tal-elettrodi tal-grafit bdew jiżdiedu fl-aħħar tal-2017 u laħqu prezzijiet għoljin rekord fl-2018. Dawn il-prezzijiet rekord spot bdew jirtiraw fl-2019, u niżlu b' 25 % matul is-sena. Aħna nistennew tnejjixi addiżżjoni fl-2020', u r-rapport pubbliku Showa Denko ta' Awwissu 2020 (<https://www.sdl.co.jp/english/ir/library.html>) 'produtturi tal-azzar bl-elettriku qed ikomplu jaġġustaw l-inventarju tagħhom tal-elettrodi tal-grafit sa mit-tieni nofs tal-2019. [...] [l-għeluq tal-impjant Ġermaniż tagħna u l-magna temporanja mhux ingranata tal-impjant Awstrijak tagħna] se jirriżulta f'bilan mill-ġdid tal-kapaċċità fl-Ewropa b'mod konformi ma' domanda pproġettata għall-elettrodi tal-grafit'.

kienet ibbażata fuq il-premessa difettuża li bidla sinifikanti tista' titqies biss li hija ta' natura dejjiema jekk il-prezzijiet ikunu kontinwament u b'mod sinifikanti oħħla mil-livelli stabiliti qabel. L-applikant sostna li l-prezzijiet ma għandhomx ġhalfejn ikunu kostantement oħħla mil-livelli stabiliti qabel biex il-bidla tkun dejjiema minħabba li huma biss indikatur wieħed tad-domanda.

- (40) Fl-aħħar nett, l-applikant sostna li t-tnejis fil-prezzijiet fl-UE matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien riżultat mhux tal-importazzjonijiet Indjani bi prezz baxx iż-żeda sostanzjali fil-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezziżiet baxxi ħafna u li qed jonqsu. Il-fatt li għad ma kienx hemm investigazzjoni tal-importazzjonijiet ta' elettrodi tal-grafit miċ-Ċina huwa konferma li l-produtturi tal-Unjoni mhumiex materjalment midruba minn dawk l-importazzjonijiet, afferma l-applikant. Barra minn hekk, il-fatt li l-importazzjonijiet Indjani baqgħu flivelli ta' prezziżiet ferm oħħla mill-importazzjonijiet Ċiniżi jimplika li l-importazzjonijiet Indjani mhumiex kawża ta' dannu għall-produtturi tal-UE. L-applikant appella għal valutazzjoni sħiħa tad-dannu tal-produtturi tal-Unjoni tal-elettrodi tal-grafit, mhux biss eżami tal-prezz.
- (41) Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-applikant dwar il-konsolidazzjoni tas-suq, inqas produtturi globali, u tnaqqis fil-kompetizzjoni li lkoll jinfluwenzaw il-prezzijiet u l-profitabbiltà u ġħalhekk jikkostitwixxu bidla strutturali fis-suq tal-elettrodi tal-grafit, il-Kummissjoni nnotat li l-applikant innifsu kien irrikonoxxa li kien hemm inqas produtturi globali biss jekk jiġu eskużi dawk Ċiniżi. Wara t-titjib ambjentali Ċiniżi imniedi fl-2017, il-produtturi (ri) Ċiniżi tal-elettrodi tal-grafit rinnovati u ġoddha ħarġu lesti biex jaqdu d-domanda għal elettrodi tal-grafit elettrika għall-forn tal-ark elettriku ('). Dan wassal għal żieda fil-provvista globali ta' elettrodi tal-grafit u tnaqqis fil-prezzijiet globali u, filwaqt li l-importazzjonijiet Ġappuniżi lejn l-UE setgħu naqsu drastikament, l-esportazzjonijiet Ċiniżi ta' elettrodi tal-grafit qed jiżdiedu globalment (ara l-premessa (31)). Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba tal-applikant.
- (42) Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-applikant li l-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha ta' bidla sinifikanti ta' natura dejjiema f'dan il-każ fuq premessa difettuża, il-Kummissjoni tfakkar li għandha marġni ta' apprezzament fir-rigward tal-valutazzjoni ta' din is-sitwazzjoni kumplessa. Il-Kummissjoni qieset li, filwaqt li l-prezz jista' ma jkunx l-uniku indikatur tad-domanda f'dan il-każ, huwa indikatur neċessarju li tiġi ddeterminata bidla sinifikanti ta' natura dejjiema fid-domanda. Għalhekk, sabiex iż-żieda fid-domanda għall-elettrodi tal-grafit tikkostitwixxi bidla sinifikanti ta' natura dejjiema, il-prezzijiet tal-elettrodi tal-grafit għandhom ikunu kostantement u b'mod sinifikanti oħħla mil-livelli stabiliti qabel. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx it-talba tal-applikant.
- (43) Fir-rigward tal-affermazzjoni tal-applikant li l-importazzjonijiet Indjani mhumiex qed jikkawżaw dannu lill-produtturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni tenniet li l-istatus tad-dannu tal-produtturi tal-Unjoni ma ġiex ivvalutat matul din l-investigazzjoni minħabba li rieżami bħal dan ma nstabx li kien legalment ġustifikat (il-premessa (32)) u għal darb' oħra ma laqgħetx it-talba tal-applikant għal valutazzjoni sħiħa tad-dannu tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni enfazżżat li ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni minn dan ir-rieżami interim dwar id-dannu tal-produtturi tal-Unjoni — kemm jekk potenzjalment ikkawżat minn importazzjonijiet mill-Indja jew xi mkien iċhor — lil hinn minn dak li ġie konkluż matul ir-rieżami ta' skadenza tal-2017.
- (44) L-ECGA laqgħet id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttemm din ir-rieżami interim parżjali fuq il-bażi ta' nuqqas ta' kwalunkwe bidla dejjiema fis-suq tal-elettrodi tal-grafit. Barra minn hekk, l-ECGA argumentat li hija spekulattiva li tassumi li żieda fil-produzzjoni tal-azzar tal-kalkara b'ark elettriku se twassal awtomatikament għal nuqqas ta' elettrodi tal-grafit fil-futur u żieda fil-prezzijiet tal-elettrodi tal-grafit, u li s-sitwazzjoni attwali pjuttost tindika li hemm provvista jezda ta' elettrodi tal-grafit.

#### E. TMIEM L-INVESTIGAZZJONI

- (45) Il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi l-eżistenza ta' bidliet dejjiema fis-suq globali għall-elettrodi tal-grafit fl-investigazzjoni tagħha skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 19 tar-Regolament antisussidji bażiku.
- (46) Il-Kummissjoni għaldaqstant tikkonkludi li r-rieżami interim parżjali dwar l-importazzjonijiet tal-prodott taħbi rieżami li jorġina mill-Indja jenħtieġ li jintemm.
- (47) Dan ir-Regolament huwa konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

(') Ara, pereżempju, Mirchandani, N, 'Graphite Electrodes Makers' Woes Intensify as China Shadow Looms,' Bloomberg, 13 ta' Ġunju 2019, jew Shaw, S., 'Graphite: CMM Group of China plans European synthetic graphite electrode plant,' Roskill, 28 ta' Ottubru 2019.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rieżami interim parpjali limitat għad-dannu tal-miżuri anti-dumping u kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafit li joriġinaw mill-Indja (li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8545 11 00 (il-kodiċi TARIC 8545 11 00 10) u ex 8545 90 90 (il-kodiċi TARIC 8545 90 90 10)) jiġi tterminat.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

---

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1606

tat-30 ta' Ottubru 2020

**dwar ċertu miżuri protettivi interim marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fin-Netherlands**

(notifikata bid-dokument C(2020) 7633)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestitja tas-suq intern (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbi għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestitja tas-suq intern (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-influwenza avjarja hija marda virali infettiva fl-ġħasafar, inkluż il-pollam. L-infezzjonijiet bil-viruses tal-influwenza avjarja fil-pollam domestiku jikkawżaw żewġ forom ewlenin ta' dik il-marda li jvarjaw fil-virulenza tagħhom. Il-forma b'patoġeniċità baxxa ġeneralment tikkawża biss sintomi ħfief, filwaqt li l-forma b'patoġeniċità għolja twassal għal rati ferm għoljin ta' mortalità fil-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet ta' pollam. Il-marda jaf ikollha impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-pollam u tikkawża tfixxil fil-kummerċ fl-Unjoni u fl-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.
- (2) Mill-2005 1 hawn, il-viruses tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) tas-sottotip H5 urew li kapaċi jinfettaw lill-ġħasafar migratorji, li mbagħad jistgħu jxerrdu dawn il-viruses fuq distanzi twal matul il-migrazzjoni tagħhom tal-ħarifa u tar-rebbiegħa.
- (3) Il-preżenza ta' viruses tal-HPAI fl-ġħasafar selvaggie hija theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-viruses fl-azjendi fejn jinżamm il-pollam jew fejn jinżammu għasafar tat-trobbija oħra.
- (4) Fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI, hemm riskju li l-äġġent tal-marda jinfirex f'ażjendi oħra fejn jinżamm il-pollam jew fejn jinżammu għasafar tat-trobbija oħra.
- (5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE (³) tistabbilixxi ċerti miżuri preventivi relatati mas-sorveljanza u mad-detezzjoni bikrija tal-influwenza avjarja u miżuri minimi ta' kontroll li jridu jiġi applikati fil-każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda fil-pollam jew f'ħasafar tat-trobbija oħra. Dik id-Direttiva tipprevedi l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI. Din ir-reġjonalizzazzjoni tiġi applikata b'mod partikolari biex jiġi ppreservat l-istatus tas-saħħa tal-ġħasafar fil-kumplament tat-territorju tal-Istat Membru permezz tal-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-äġġent patoġeniku u l-iżgur tad-detezzjoni bikrija tal-marda.
- (6) Reċentement in-Netherlands ikkonfermaw il-preżenza tal-virus tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fl-ġħasafar selvaggie migratorji u mhux migratorji fit-territorju tagħhom.
- (7) Barra minn hekk, reċentement in-Netherlands innotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fit-territorju tagħhom, f'ażjenda fejn jinżamm il-pollam jew fejn jinżammu għasafar tat-trobbija oħra fil-provinċja ta' Gelderland, u minnufiñ ħadet il-miżuri meħtieġa skont id-Direttiva 2005/94/KE, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza.
- (8) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri b'kollaborazzjoni man-Netherlands, u hija sodisfatta li l-fruntieri taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru, jinsabu f'distanza suffiċċenti mill-azjendi fejn għiet ikkonfermata t-tifqigħa.

(¹) ĠUL 395, 30.12.1989, p. 13.

(²) ĠUL 224, 18.8.1990, p. 29.

(³) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).

- (9) Għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u għall-evitar ta' ostakoli mhux ġustifikati għall-kummerċ imposti minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li jiġu deskritti malajr iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fir-rigward tal-HPAI fin-Netherlands fil-livell tal-Unjoni.
- (10) Għalhekk, sakemm jerġa' jitlaqqa' l-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fin-Netherlands fejn qed jiġu applikati l-miżuri ta' kontroll għas-sahħha tal-annimali stabbiliti fid-Direttiva 2005/94/KE, jenħtieġ li jiġu ddefiniti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li tiġi ffissata d-durata ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.
- (11) Din id-Deċiżjoni se tiġi rieżaminata fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

In-Netherlands għandhom jiżguraw li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2005/94/KE jkunu jinkludu għall-inqas iż-żoni elenkat fil-Partijiet A u B tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-28 ta' Frar 2021.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, tat-30 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni  
Stella KYRIAKIDES  
Membru tal-Kummissjoni*

## ANNESS

## PARTI A

Żona ta' protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 1:

**Stat Membru: In-Netherlands**

Żona li tinkludi:  Provinċja: Gelderland	Id-data sa meta aplikabbli fkonformità mal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2005/94/KE
1. From the crossing with N322 and Zandstraat, follow Zandstraat in eastern direction until tram line. 2. Follow tramline in south-eastern direction until Molenstraat. 3. Follow Molenstraat in north-eastern direction until Meidoornstraat. 4. Follow Meidoornstraat in eastern direction until Korenbloemstraat. 5. Follow Korenbloemstraat in eastern direction until Florastraat. 6. Follow Florastraat in southern direction until Vogelzang. 7. Follow Vogelzang in eastern direction until Kamstraat. 8. Follow Kamstraat in southern direction until Van Heemstraweg. 9. Follow van Heemstraweg in north-eastern direction until North-South (N329). 10. Follow North-South (N329) in southern direction until Neersteindsestraat. 11. Follow Neersteindsestraat in south-eastern direction until Altforstestraat. 12. Follow Altforstestraat in south-west direction until Middenweg. 13. Follow Middenweg in south-eatern direction until Mekkersteeg. 14. Follow Mekkersteeg in southern direction until Zuidweg. 15. Follow Zuidweg in western direction until Veerweg. 16. Follow Veerweg in northern direction until Raadhuisdijk. 17. Follow Raandhuisdijk in western direction until Veerweg. 18. Follow Veerweg in northern direction until Raadhuisdijk. 19. Follow Raadhuisdijk in western direction turning into Berghuizen until Nieuweweg. 20. Follow Nieuweweg in western direction until Wamelseweg. 21. Follow Wamelseweg in northern direction turing into Zijvond until Liesbroekstraat. 22. Follow Liesbroekstraat in eastern direction until Nieuweweg. 23. Follow Nieuweweg in northern direction until Liesterstraat. 24. Follow Liesterstraat in eastern direction until Maas en Waalweg (N322). 25. Follow Maas en Waalweg in northern direction until crossing with Zandstraat.	20.11.2020

## PARTI B

Żona ta' sorveljanza kif imsemmi fl-Artikolu 1:

**Stat Membru: In-Netherlands**

Żona li tinkludi:  Provinċja: Gelderland	Data sa meta aplikabbli fkonformità mal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE
1. From the corssing Beldertseweg with Amsterdam-Rijnkanaal, follow Beldertseweg (N835) in eastern direction until Ommerenwal. 2. Follow Ommerenwal in eastern direction turing into Voorburgtseweg turning into Ooievaar turning into Dokter Guepinlaan turning into Voorstraat turning into Dokter van Noorstraat until Oudsmidsestraat. 3. Follow Oudsmidsestraat in eastern direction until Dorpstraat. 4. Follow Dorpstraat in northern direction until Papestraat. 5. Follow Papestraat in eastern direction turning into Remstraat turning into Hogeweg until Cuneraweg.	29.11.2020

6. Follow Cuneraweg in northern direction until Nederrijn.
7. Follow Nederrijn in south-eastern direction until Veerweg.
8. Follow Veerweg in southern direction until aan Rijnbandijk.
9. Follow Rijnbandijk in eastern direction until Dorpsstraat.
10. Follow Dorpsstraat in southern direction until Burg Lodderstaat.
11. Follow Burg Lodderstraat in eastern direction until Dalwagenseweg.
12. Follow Dalwagenseweg in southern direction turning into Dodewaardsestraat until Matensestraat.
13. Follow Matensestraat in eastern direction until Dalwagen.
14. Follow Dalwagen in southern direction until Pluimenburgsestraat.
15. Follow Pluimenburgsestraat in eastern direction, turning into Waalbandijk, crossing a river "de Waal" until Waalbandijk.
16. Follow Waalbandijk in eastern direction allong "pad langs ganzenkuil" until Deest.
17. Follow Deest in southern direction until Heemstraweg.
18. Follow Van Heemstraweg in eastern direction until Geerstraat.
19. Follow Geerstraat in southern direction until Koningstraat.
20. Follow Koningstraat in eastern direction until Betenlaan.
21. Follow Betenlaan in southern direction until Broeksche Leigraaf Winsen (water).
22. Follow Broeksche Leigraaf Winsen in eastern direction until A50.
23. Follow A50 in southern direction until Graafsebaan.
24. Follow Graafsebaan in Northern direction until Julianasingel.
25. Follow Julianasingel in western direction until Dr Saal v. Zwanenbergsingel.
26. Follow Dr Saal v. Zwanenbergsingel in northern direction until railway-track Nijmegen-'s-Hertogenbosch.
27. Follow railway-track Nijmegen-'s-Hertogenbosch in western direction until Klompstraat.
28. Follow Klompstraat in northern direction turning into Kepkensdonk turning into Weisestraat until Gewandeweg.
29. Follow Gewandeweg in western direction until Kesselsegraaf
30. Follow Kesselsegraaf in northern direction until De Lithse Ham.
31. From Lithse Ham crossing the rivers "Maas" and "Waal" at Heerewaarden until Waalbandijk.
32. Follow Waalbandijk in northern direction turning into Molenstraat until Dreef.
33. Follow Dreef volgen in northern direction until Pippertsestraat.
34. Follow Pippertsestraat in northern direction turning into Zijvelingsestraat until Vuadapad.
35. Follow Vuadapad in eastern direction until Groenestraat.
36. Follow Groenestraat in northern direction until Linge (water).
37. Follow Linge in north-eastern direction until Beldertseweg (N835).
38. Follow Beldertseweg in northern diection until crossing with the river "Amsterdam-Rijnkanaal".

1. From the crossing with N322 and Zandstraat, follow Zandstraat in eastern direction until tram line.
2. Follow tramline in south-eastern direction until Molenstraat.
3. Follow Molenstraat in north-eastern direction until Meidoornstraat.
4. Follow Meidoornstraat in eastern direction until Korenbloemstraat.
5. Follow Korenbloemstraat in eastern directionuntil Florastraat
6. Follow Florastraat in southern direction until Vogelzang.
7. Follow Vogelzang in eastern direction until Kamstraat.
8. Follow Kamstraat in southern direction until Van Heemstraweg.
9. Follow van Heemstraweg in north-eastern direction until North-South (N329)
10. Follow North-South (N329) in southern direction until Neersteindsestraat.
11. Follow Neersteindsestraat in south-eastern direction until Altforstestraat.
12. Follow Altforstestraat in south-west direction until Middenweg.
13. Follow Middenweg in south-eatern direction until Mekkersteeg.
14. Follow Mekkersteeg in southern direction until Zuidweg.
15. Follow Zuidweg in western direction until Veerweg.
16. Follow Veerweg in northern direction until Raadhuisdijk.
17. Follow Raadhuisdijk in western direction until Veerweg.
18. Follow Veerweg in northern direction until Raadhuisdijk.
19. Follow Raadhuisdijk in western direction turning into Berghuizen until Nieuweweg.
20. Follow Nieuweweg in western direction until Wamelseweg.

Mill-21.11.2020 sad-  
29.11.2020

- 
- |  |  |
|--|--|
| <p>21. Follow Wamelseweg in northern direction turning into Zijvond until Liesbroekstraat.</p> <p>22. Follow Liesbroekstraat in eastern direction until Nieuweweg.</p> <p>23. Follow Nieuweweg in northern direction until Liesterstraat.</p> <p>24. Follow Liesterstraat in eastern direction until Maas en Waalweg (N322).</p> <p>25. Follow Maas en Waalweg in northern direction until crossing with Zandstraat.</p> |  |
|--|--|
-



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT